MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Rikors Numru. 35/2012

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2004) (Ara Dok A – certifikat taz-zwieg anness) u l-partijiet kellhom tifel wiehed, E D, li llum ghandu disgha (9) snin. (Dok B – certifikat tat-twelid tat-tifel)

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Elena Farrugia mill-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006.) (Ara Dok C anness.)

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom sitt (6) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabiet ma' persuni ohrajn.

Illi l-manteniment a favur il-minuri huwa stipulat skond il-klawsola numru 5(e)(i) u cioe r-ragel obbliga ruhu li iforni lil-mara bhala manteniment ghat-tifel minuri is-somma ta' ghoxrin lira (Lm20) fil-gimgha li tizdied kull sentejn skond ir-rata stabilita mill-indici tal-gholi tal-hajja u kif ukoll skond klawsola 5(e)(ii) l-ispejjez ta' edukazzjoni u ta sahha ghat-tifel minuri ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Illi in oltre l-partijiet irrinunzjaw ghall-mantenient minghand xulxin skond klawsola 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni imsemmi.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2004);

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall daqsekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi ir-rikorrenti ikkonfermat ir-rikors taghha bil-gurament;

Semghet lill-intimat jixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi peress illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Elena Farrugia mill-20 ta’ Novembru 2006;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat illi l-partijiet kienu irrinunzjaw ghall-manteniment minghand xulxin u illi l-manteniment a favur il-minuri dejjem thallas mill-intimat;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talba, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------